SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 17/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 21/11/'11 17**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 21/11/'11 19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membri:- Joseph Oliva
Carmel Agius
Mary Grace Scicluna

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Assenti: Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca .

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-16 ta' Novembru 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport tax-Xogħolijiet
4. Budget / Business Plan
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 16/KA1/11 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.01 Il-Membru Carmel Agius wasal fis-6.10p.m.

2.02 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P557 | Email mingħand it-Transport Malta rigward ħsarat li hemm fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross. |
| P565 | Email mingħand Entertainments Ltd b'talba għal permess biex jinbiegħ prodott. |
| P573 | Ittra mingħand l-Innovative Architectural Structures Ltd. b'talba għal *reserved parking* għall-imwejjed u siġġijiet quddiem il-*Vox Ultra Lounge* ġo Triq Wilġa kantuniera ma' Triq Ball, Paceville, San Giljan. |

P601 Email mingħand is-Sur David Soler rigward distribuzzjoni ta' fondi.

P614, P627 & KA187 Korrispondenza dwar għeluq ta' Triq Ball.

P619 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Email Accounts* għall-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

P629 & P631 Korrispondenza rigward latrini ġewwa Paceville.

P641 Email mingħand ic-Ċermen is-Sur Richard Scicluna b'diversi rikjesti ġo Paceville.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P557

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta (TM) rigward ħsarat li hemm fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li tinkiteb ittra lit-Transport Malta fejn tintalab *site plan* ta' fejn hemm il-ħsarat.

Rif. Nru. P565

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand Entertainments Ltd b'talba għal permess biex jinbiegħ prodott. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-permessi li jinħarġu huma skont il-leġislatura sussidjarja 441 u li l-Kumitat ma joħroġx permessi permanenti.

Ġie deċiż unanimament li Entertainments Ltd jiġu nfurmati b'dan.

Rif. Nru. P573

2.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Innovative Architectural Structures Ltd rigward talba għar-*Reserved Parking* għall-imwejjed u siġġijiet quddiem il-*Vox Ultra Lounge* ġo Triq Wilġa kantuniera ma' Triq Ball. Ġie deċiż

unanimament illi jiġi nfurmat li mhiex il-kompetenza tal-Kumitat li jirriserva *parking spaces* għall-imwejjed u s-siġġijiet.

Rif. Nru. P614, P627 & KA187

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward l-għeluq ta' Triq Ball. Il-Kumitat qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li din it-triq tingħalaq bill-bollards dment li dawn il-bollards isiru kif stabbilit bil-liġi u li jkunu jidhru fid-dlam. Dawn il-bollards għandhom isiru għas-spejjeż u r-responsabilta' tal-ħwienet li qablu mal-proposta (ara inc. P627/11). Dawn il-ħwienet għandhom ikunu responsabbli ukoll għall-ftuħ u l-għeluq tat-triq.

Il-Kumitat qabel unanimament li tintbagħat din ir-rakkomandazzjoni flimkien mal-ittra P614/11 u P627/11 lit-Transport Malta.

Rif. Nru. P619

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *email accounts* għall-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Paceville. Ġie deċiż unanimament lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat li l-Membri Carmel Agius u Joseph Oliva ma rċievew l-ebda korrispondenza rigward l-*emails*.

Rif. Nru. P629 & P631

2.08 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward latrini ġewwa Paceville. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Ministru l-Onor. George Pullicino fejn jintalab l-intervent tiegħu biex ikun hemm latrini ġewwa Paceville.

Rif. Nru. P641

2.09 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand iċ-Ċermen dwar diversi rikjesti għal xogħolijiet ġewwa Paceville. Ġie deċiż unanimament li ċ-Ċermen jipprovdi lill-Amministrazjoni tal-Kunsill ir-rittratti u *site plans* fejn

meħtieġ sabiex tkun tista ssir ir-rakkomandazzjoni lit-Transport Malta.

## 3 Rapport tax-Xogħolijiet

3.01 Il-Kumitat ġie pprezentat b'kopja tar-Rapport tax-Xogħolijiet (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Saret riferenza għall-Kapitolu 363 – ATT DWAR KUNSILLI LOKALI, Taqsima II artikolu 18, li jitratta dwar l-attendenza tal-laqgħat. Hawnhekk il-Kumitat ġie nfurmat li laqgħa oħra ħa tkun diskussa l-attendenza tal-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca peress li naqas milli jattendi għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur.

3.04 Wara diskussjoni qasira l-Membru Joe Oliva ppropona li l-Kumitat m'għandux għalfejn jistenna sa laqgħa oħra biex jiddiskuti din il-materja, u għalhekk il-Ministru għandu jiġi nnotifikat li s-Sur Joe De' Conti Manduca naqas milli jattendi għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur. B'hekk il-post tiegħu qed jiġi ddikjarat vakanti.

3.05 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

3.06 Il-Kumitat qabel unanimament.

3.07 Il-Membru Carmel Agius ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport tax-Xogħolijiet.

3.08 Iċ-Ċermen issekondah

3.09 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn żewġ membri vvutaw favur filwaqt li ż-żewġ membri l-oħra asstjenew.

3.10 Ir-Rapport tax-Xogħolijiet ġie approvat.

## 4 Budget / Business Plan

4.01 Saret riferenza għall-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'B') fejn is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata.

4.02 Wara diskussjoni ċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan.

4.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Il-Membri tal-Kumitat ġew notifikati li:-

- Il-laqgħa annwali ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2011 fl-Awditorjum tal-Millenium Chapel fis-6.00p.m. Din il-laqgħa ser tkun meqjusa bħala l-laqgħa tax-xahar ta' Diċembru 2011.

- Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2011 fil-12.15p.m. saret il-laqgħa mal-Kuntrattur tal-marki tat-toroq. Għal din il-laqgħa kienu preżenti iċ-Ċermen Richard Scicluna, il-Membru Joe Oliva, is-Sindku Peter Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-kuntrattur Giovanni Mifsud. Din il-laqgħa saret b'riferenza għall-Minuti 15/KA1/11 taqsima 7 para. 7.06 biex il-Kumitat jiddiskuti x'possibilitajiet hemm biex dawn il-marki jservu aktar.

- Il-kuntrattur spjega li ż-żebgħa li juża hija skont l-ispeċifikazzjoni li hemm mat-tender u li fl-opinjoni tiegħu l-problema ġejja minn żewġ fatturi:

    1. Waħda minħabba li meta jsiru l-marki tat-toroq it-triq suppost tingħalaq għal minimu ta' satejn sakemm tinxef iż-żebgħa.

2. Il-problema l-oħra hija minħabba l-kwalita' tat-tarmak tat-toroq.

- Il-Membri preżenti kienu sodisfatti bl-ispjegazzjoni li ta' l-kuntrattur.

5.02 Ser issir talba lit-Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-*lay-bay* fejn hemm il-*Bus Stop* fi Triq San Ġorġ faċċata tal-Wembley Garage biex il-*Bus Stop* titniżżel aktar l-isfel u tidjieq il-bankina. Dan sabiex ikunu jistgħu joqgħodu aktar karozzi tal-linja u jiġi evitat il-kaos u l-inkonvenjent għall-pubbliku.

5.03 Ġie deċiż unanimament li għal żmien il-Milied issir ikla għall-Membri tal-Kumitat flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li minn Jannar 2012 il-laqgħa tibda ssir l-aħħar Tnejn tax-xahar fl-10.00a.m. minħabba ċirkustanzi li m'hemmx kontrol fuqhom.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Mary Grace Scicluna ssekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 129 sa nru. 131 għall-approvazzjoni u ppropponihom (Ara appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Mary Grace Scicluna ssekondatu.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fit-8.10 p.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

30/1/12

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**